SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

18 ta' Diċembru 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 45 TFUE – Moviment liberu tal-ħaddiema – Ugwaljanza fit-trattament – Regolament (UE) Nru 492/2011 – Artikolu 7(2) – Vantaġġi soċjali – Allowance tal-familja – Kundizzjoni għall-għoti ta' din l-allowance lil ħaddiem mhux residenti għal wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu – Rekwiżit li dan il-ħaddiem għandu 'jmantni' lil dan il-wild – Kriterji ta' evalwazzjoni – Preżunzjoni bbażata fuq il-fatt li jgħixu fl-istess dar – Direttiva 2004/38/KE – Punt (2)(ċ) tal-Artikolu 2 – Kunċett ta' 'membru tal-familja'"

Fil-Kawżi magħquda C-296/24 (Jouxy) sa C-307/24 (Momeut) [i],

li għandhom bħala suġġett tnax-il talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Lussemburgu), permezz ta' deċiżjonijiet tal-25 ta' April 2024, li waslu l-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' April 2024, fil-proċeduri

SM,

PX (C-296/24),

CY (C-297/24),

LK,

MF (C-298/24),

OP,

TD (C-299/24),

MY,

IX (C-300/24),

AH,

CJ (C-301/24),

AE (C-302/24),

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

BF,

CG (C-303/24),

LH (C-304/24),

TB,

MV (C-305/24),

KN,

PE (C-306/24),

NB (C-307/24),

vs

Caisse pour l'avenir des enfants,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President ta' Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tar-Raba' Awla, M. Condinanzi, N. Jääskinen (Relatur) u R. Frendo, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: R. Norkus,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal SM, PX, u NB, minn V. Bolard, avukat,

– għal CY, LK, MF, OP, TD, MY, IX, AH, CJ, AE, BF, CG, LH, TB, MV, KN u PE, minn P. Peuvrel, avukat,

– għall-Caisse pour l'avenir des enfants, minn R. Jazbinsek, avukata,

– għall-Gvern Ċek, minn J. Benešová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. Delaude u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "imantni lill-wild", iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE, tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46), tal-Artikolu 1(i) u tal-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif ukoll tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' tnax-il tilwima bejn ħaddiema fruntalieri kif ukoll il-konjuġi jew l-imsieħba rreġistrati ta' wħud minnhom u l-Caisse pour l'avenir des enfants (il-Fond għall-Futur tat-Tfal, il-Lussemburgu) (iktar 'il quddiem iċ- "CAE"), dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jagħti allowances tal-familja lil dawn il-ħaddiema għall-ulied tal-konjuġi tagħhom jew tal-imsieħba rreġistrati tagħhom.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2004/38

3 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38 huwa fformulat kif ġej:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

2. 'membru tal-familja' tfisser:
   (a) ir-raġel jew martu;
   (b) is-sieħeb/sieħba li daħal/daħlet f'kuntratt ta' unjoni reġistrata maċ-ċittadin/a ta' l-Unjon, skond il-bażi tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru, jekk il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ospitanti tikkonsidra bħala ugwali għal żwieġ l-unjonijiet reġistrati u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti ta' l-Istat Memrbu ospitanti;
   (ċ) id-dixxendenti diretti li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt (b);

[…]"

Ir-Regolament Nru 883/2004

4 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 883/2004 jistipula:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(i) 'membru tal-familja' tfisser
1. (i) kwalunkwe persuna definita jew rikonoxxuta bħala membru tal-familja jew indikata bħala membru tad-dar mil-leġislazzjoni li taħtha jingħataw il-benefiċċji;

[…]
2. Jekk il-leġislazzjoni ta' Stat Membru li hija applikabbli taħt is-subparagrafu 1 ma tagħmilx distinzjoni bejn membri tal-familji u persuni oħra li tapplika għalihom, ir-raġel jew il-mara, l-ulied minorenni, u l-ulied li għandhom l-età tagħhom iżda għadhom jiddependu fuq il-ġenituri għandhom jitqiesu bħala membri tal-familja;

[…]"

5 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Oqsma koperti", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-fergħat li ġejjin tas-sigurtà soċjali:

[…]

j) benefiċċji marbuta mal-familja."

6 L-Artikolu 67 tal-imsemmi regolament, intitolat "Membri tal-familja li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor", jipprevedi:

"Persuna għandha tkun intitolata għal benefiċċji marbutin mal-familja skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti, inklużi l-membri tal-familja tagħha li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor, bħallikieku dawn kellhom ir-residenza tagħhom fl-Istat Membru kompetenti. […]"

Ir-Regolament Nru 492/2011

7 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011, intitolat "Impjieg u ugwaljanza fit-trattament", jipprovdi:

"1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema nazzjonali minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe kondizzjoni tal-impjieg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta' paga, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħall-ħaddiema nazzjonali.

[…]"

Id-dritt Lussemburgiż

8 Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt Lussemburgiż, kif kienu applikabbli meta seħħew il-fatti fil-kawżi prinċipali, huma l-Artikoli 269 u 270 tal-code de la sécurité sociale (il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali), kif jirriżultaw mil-loi du 23 juillet 2016, portant modification du code de la sécurité sociale (il-Liġi tat-23 ta' Lulju 2016 li Temenda l-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2016, mil-loi modifiée du 4 décembre 1967 concernant l'impôt sur le revenu, et abrogeant la loi modifiée du 21 décembre 2007 concernant le boni pour enfant (il-Liġi Emendata tal-4 ta' Diċembru 1967 dwar it-Taxxa fuq id-Dħul u li Tħassar il-Liġi Emendata tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar il-Bonus għall-Wild) (Mémorial A 2016, p. 2348, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi").

9 L-Artikolu 269(1) tal-Kodiċi, intitolat "Kundizzjonijiet għall-għoti", jipprovdi:

"Qiegħda tiġi introdotta allowance għall-futur tal-ulied, iktar 'il quddiem 'allowance tal-familja'.

Għandhom dritt għall-allowance tal-familja:

a) kull wild, li jirrisjedi effettivament u b'mod kontinwu l-Lussemburgu u li fih għandu d-domiċilju legali tiegħu;

b) il-membri tal-familja, kif iddefiniti fl-Artikolu 270, ta' kull persuna suġġetta għal-leġiżlazzjoni Lussemburgiża u li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti Ewropej jew ta' strument ieħor bilaterali jew multilaterali konkluż mil-Lussemburgu fil-qasam tas-sigurtà soċjali u li jipprevedu l-ħlas tal-allowances tal-familja skont il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż tal-impjieg. Il-membri tal-familja għandhom jirrisjedu f'pajjiż li għalih japplikaw ir-regolamenti jew l-istrumenti inkwistjoni."

10 L-Artikolu 270 ta' dan il-kodiċi jistipula:

"Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 269(1)(b), huma kkunsidrati bħala membri tal-familja ta' persuna u għandhom dritt għall-allowance tal-familja, l-ulied imwielda fiż-żwieġ, l-ulied imwielda barra ż-żwieġ u l-ulied adottivi ta' din il-persuna."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

11 Permezz ta' deċiżjonijiet taċ-CAE bbażati fuq l-Artikoli 269 u 270 tal-Kodiċi, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, li huma ħaddiema fruntalieri residenti l-Belġju, il-Ġermanja jew Franza u li jeżerċitaw attività bħala persuna impjegata fil-Lussemburgu, ġew jew irrifjutati l-għoti tal-allowances tal-familja għall-ulied tal-konjuġi tagħhom jew tal-imsieħba rreġistrati tagħhom (Kawżi C-299/24 u C-301/24), jew ġie rtirat, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2016, il-benefiċċju tal-allowances irċevuti għal tali ulied (Kawżi C-296 sa C-298/24, C-300/24 u C-302/24 sa C-307/24).

12 Skont iċ-CAE, peress li dawn l-ulied ma kellhomx rabta ta' filjazzjoni mal-ħaddiema fruntalieri kkonċernati, huma ma kellhomx il-kwalità ta' "membru tal-familja" fis-sens tal-Artikolu 270 tal-Kodiċi.

13 Il-conseil arbitral de la sécurité sociale (il-Kunsill Arbitrali tas-Sigurtà Soċjali, il-Lussemburgu) laqa' r-rikorsi ta' dawn il-ħaddiema intiżi għall-għoti tal-allowance tal-familja jew għall-istabbiliment mill-ġdid tiegħu.

14 Madankollu, il-conseil supérieur de la sécurité sociale (il-Kunsill Superjuri tas-Sigurtà Soċjali, il-Lussemburgu) ikkonferma, billi rriformahom, id-deċiżjonijiet taċ-CAE, imsemmija fil-punt 11 ta' din is-sentenza.

15 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali appellaw fil-kassazzjoni quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Lussemburgu), li hija l-qorti tar-rinviju.

16 Dik il-qorti tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tat-2 ta' April 2020, Caisse pour l'avenir des enfants (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier) (C-802/18, EU:C:2020:269), abbażi ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 1(i) u tal-Artikolu 67 tar-Regolament Nru 883/2004, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 u mal-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, issuġġettat id-dritt tal-ħaddiem fruntalier li jibbenefika mill-ħlas tal-allowance tal-familja fir-rigward ta' wild il-konjuġi tiegħu jew is-sieħeb irreġistrat tiegħu, li miegħu ma jkollu ebda rabta ta' filjazzjoni, għall-prova li huwa jmantni lil dan il-wild.

17 Peress li fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, il-conseil supérieur de la sécurité sociale (il-Kunsill Superjuri tas-Sigurtà Soċjali) qies li l-kontribuzzjoni tal-ħaddiem fruntalier għall-manteniment tal-wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu ma ġietx ipprovata, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, billi tirreferi wkoll għas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Depesme *et* (C-401/15 sa C-403/15, EU:C:2016:955) dwar l-elementi oġġettivi li jistgħu jipprovaw dan il-manteniment.

18 Għalhekk, dik il-qorti tistaqsi, b'mod partikolari, jekk il-prova ta' dar komuni bejn il-ħaddiem fruntalier u l-wild ikkonċernat hijiex sufiċjenti sabiex jiġi stabbilit li dan il-ħaddiem imantni dan il-wild jew jekk elementi oġġettivi oħra, bħall-metodu ta' finanzjament ta' din id-dar, għandhomx ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni. F'dan il-kuntest, tqum ukoll il-kwistjoni tal-importanza li għandha tingħata għall-età tal-wild, sa fejn minn dik is-sentenza jsegwi li, fi kwalunkwe każ, l-ulied huma preżunti dipendenti sal-età ta' 21 sena. Barra minn hekk, hija tistaqsi x'importanza għandha tingħata lill-kontribut tal-ġenituri tal-wild għall-bżonnijiet tiegħu, bħala obbligu alimentari fuq il-ġenituri jew dritt ta' aċċess u ta' akkomodazzjoni.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, ifformulati f'termini identiċi fil-Kawżi C-296/24 sa C-307/24:

"1. a) Il-kunċett ta' 'provvista għall-manteniment' ta' wild, li minnu joriġina l-istatus ta' membru tal-familja fis-sens tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif applikat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-kisba minn ħaddiem fruntalier ta' vantaġġ soċjali marbut mal-eżerċizzju, min-naħa tiegħu, ta' attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru, għall-wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb jew sieħba rreġistrat/a tiegħu, li miegħu l-ħaddiem ma għandux relazzjoni ta' filjazzjoni, moqri waħdu jew flimkien mal-prinċipju li d-dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jiżguraw il-moviment liberu tal-ħaddiema għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa', għandu jiġi interpretat bħala li jkun issodisfatt, u għaldaqstant jagħti d-dritt li jinkiseb il-vantaġġ soċjali,

– mill-fatt biss taż-żwieġ jew ta' unjoni rreġistrata bejn il-ħaddiem fruntalier u ġenitur tal-wild

– mill-fatt biss ta' domiċilju jew ta' residenza komuni bejn il-ħaddiem fruntalier u l-wild

– mill-fatt biss li l-ħaddiem fruntalier ikun assuma spiża ta' kwalunkwe tip għall-benefiċċju tal-wild, anki jekk

– din tkopri bżonnijiet li ma humiex essenzjali jew alimentari

– din issir lil terz u tibbenefika lill-wild biss indirettament

– din ma ssirx fl-interess esklużiv jew speċifiku tal-wild, iżda tkun ta' benefiċċju għall-familja kollha

– din tkun biss okkażjonali

– din tkun inqas minn dik tal-ġenituri

– din tkun biss insinjifikattiva fid-dawl tal-bżonnijiet tal-wild

– mill-fatt biss li l-ispejjeż isiru minn kont komuni għall-ħaddiem fruntalier u għall-konjuġi jew sieħeb jew sieħba rreġistrat/a tiegħu, ġenitur tal-wild, irrispettivament mill-oriġini tal-fondi fl-istess kont

– mill-fatt biss li l-wild ikollu inqas minn 21 sena?

b) Fil-każ li għall-ewwel domanda tingħata risposta negattiva, il-kunċett ta' 'provvista għall-manteniment' għandu jiġi interpretat bħala li jkun issodisfatt, u għaldaqstant jagħti dritt li jinkiseb il-vantaġġ soċjali, meta jkunu jirriżultaw tnejn minn dawn iċ-ċirkustanzi jew iktar?

2. Il-kunċett ta' 'provvista għall-manteniment 'ta' wild, li minnu joriġina l-istatus ta' membru tal-familja fis-sens tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif applikat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-kisba minn ħaddiem fruntalier ta' vantaġġ soċjali marbut mal-eżerċizzju, min-naħa tiegħu, ta' attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru, għall-wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb jew sieħba rreġistrat/a tiegħu, li miegħu l-ħaddiem ma għandux relazzjoni ta' filjazzjoni, moqri waħdu jew flimkien mal-prinċipju li d-dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jiżguraw il-moviment liberu tal-ħaddiema għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa', għandu jiġi interpretat bħala li ma jkunx issodisfatt, u għaldaqstant jeskludi d-dritt li jinkiseb il-vantaġġ soċjali,

– mill-fatt biss tal-eżistenza ta' obbligu alimentari tal-ġenituri tal-wild, indipendentement

– mill-kwistjoni ta' jekk dan il-kreditu alimentari huwiex stabbilit permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew permezz ta' kuntratt

– mill-ammont stabbilit ta' dan il-kreditu alimentari

– mill-kwistjoni ta' jekk id-debitur iħallasx fil-fatt dan id-dejn alimentari

– mill-kwistjoni ta' jekk il-kontribuzzjoni tal-ħaddiem fruntalier tikkumpensax għal inadempjenza ta' ġenitur tal-wild

– mill-fatt biss li l-wild jgħix perijodikament, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' dritt ta' aċċess jew ta' akkomodazzjoni jew ta' residenza alternata jew modalità oħra, mal-ġenitur l-ieħor?"

20 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 2024, il-Kawżi C-296/24 sa C-307/24 ingħaqdu għall-finijiet tal-fażijiet bil-miktub u orali tal-proċedura kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

21 Mingħajr ma jqajjem espliċitament eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, iċ-CAE rrileva fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha "tiċħad" id-domandi preliminari għar-raġuni li dawn jirreferu għall-evalwazzjoni ta' sitwazzjoni ta' fatt li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-awtoritajiet u, skont il-każ, tal-qrati nazzjonali kompetenti.

22 F'dan ir-rigward, fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 267 TFUE, li hija bbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta u tapplika d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja biss hija awtorizzata tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' test tal-Unjoni, abbażi tal-fatti li jkunu indikati lilha mill-qorti nazzjonali (sentenzi tas-16 ta' Marzu 1978, Oehlschläger, 104/77, EU:C:1978:69, punt 4 kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2024, ERB New Europe Funding II, C-178/23, EU:C:2024:943, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Fir-rigward tal-argumenti taċ-CAE, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 45 TFUE, l-Artikolu 1(i) u l-Artikolu 67 tar-Regolament Nru 883/2004, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 u mal-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, kif interpretati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenza tat-2 ta' April 2020, Caisse pour l'avenir des enfants (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier) (C-802/18, EU:C:2020:269, punti 64 u 70), u, b'mod partikolari, li tagħti preċiżazzjonijiet dwar il-mod kif għandha tiġi interpretata l-kundizzjoni ta' għoti lill-ħaddiem mhux residenti, fl-Istat Membru ta' impjieg, ta' allowance tal-familja għall-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu, stabbilita minn din il-ġurisprudenza, li tipprovdi li dan il-ħaddiem għandu "imantni" lil dan il-wild.

24 Għalkemm, fl-aħħar mill-aħħar, huma l-amministrazzjoni u, skont il-każ, il-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw jekk, għall-finijiet tal-għoti tal-allowance tal-familja f'każ partikolari, dan ir-rekwiżit huwiex osservat, hija, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 22 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma s-suġġett tad-domandi preliminari.

25 Minn dan isegwi li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari huma ammissibbli.

Fuq iż-żewġ domandi

26 Permezz taż-żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 45 TFUE, l-Artikolu 1(i) u l-Artikolu 67 tar-Regolament Nru 883/2004, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 u mal-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjoni ta' għoti lill-ħaddiem mhux residenti, fl-Istat Membru ta' impjieg, ta' allowance tal-familja għall-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu, jiġifieri li dan il-ħaddiem huwa obbligat li "imantni" lil dan il-wild, hija ssodisfatta bis-sempliċi fatt li dawn tal-aħħar jgħixu fl-istess dar, jew jekk għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi oġġettivi oħra sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali manteniment.

27 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li skont ġurisprudenza stabbilita, ħaddiem mhux residenti jista' jibbenefika mill-ħlas ta' benefiċċju mill-Istat abbażi ta' vantaġġ soċjali, bħal għajnuna finanzjarja għall-edukazzjoni ogħla, mhux biss għall-wild tiegħu stess iżda wkoll għall-wild tal-konjuġi jew għas-sieħeb irreġistrat tiegħu, li miegħu dan il-ħaddiem ma għandux rabta ta' filjazzjoni, meta l-imsemmi ħaddiem imantni lil dan il-wild (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Depesme *et*, C-401/15 sa C-403/15, EU:C:2016:955, punti 57 sa 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 Sussegwentement, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-allowance tal-familja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tat-2 ta' April 2020, Caisse pour l'avenir des enfants (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier) (C-802/18, EU:C:2020:269), minn naħa, li tali allowance tal-familja tikkostitwixxi benefiċċju tas-sigurtà soċjali li jaqa' taħt il-benefiċċji tal-familja msemmija fl-Artikolu 3(1)(j) tar-Regolament Nru 883/2004. Peress li din hija marbuta mal-eżerċizzju ta' attività bħala persuna impjegata minn ħaddiem fruntalier fi Stat Membru, hija tikkostitwixxi wkoll vantaġġ soċjali, fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 li minnu jsegwi li l-ħaddiema mhux residenti għandhom jibbenefikaw, konformement mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, mill-istess vantaġġi soċjali u fiskali bħall-ħaddiema nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Caisse pour l'avenir des enfants (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier) (C-802/18, EU:C:2020:269, punti 24, 31 u 40).

29 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat, b'mod partikolari, il-ġurisprudenza stabbilita fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja għat-tkomplija tal-edukazzjoni ogħla lill-membri tal-familja ta' tali ħaddiema, imsemmija fil-punt 27 ta' din is-sentenza, sabiex tikkonkludi li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, li huwa l-espressjoni partikolari, fil-qasam speċifiku tal-għoti ta' vantaġġi soċjali, tar-regola ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilita fl-Artikolu 45(2) TFUE, jipprekludi dispożizzjonijiet ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħhom il-ħaddiema mhux residenti jistgħu jirċievu l-allowance tal-familja inkwistjoni fil-kawżi prinċipali biss għall-ulied tagħhom stess, bl-esklużjoni ta' dawk tal-konjuġi tagħhom li magħhom ma għandhomx rabta ta' filjazzjoni, iżda li jmantnuhom, filwaqt li l-ulied kollha residenti f'dan l-Istat Membru għandhom id-dritt li jirċievu din l-allowance (sentenza tat-2 ta' April 2020, Caisse pour l'avenir des enfants (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier), C-802/18, EU:C:2020:269, punti 64 u 70 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li, wara dik is-sentenza, il-conseil supérieur de la sécurité sociale (il-Kunsill Superjuri tas-Sigurtà Soċjali), permezz ta' riforma, iddeċieda li ċ-CAE, wara li wettaq eżami mill-ġdid, *in concreto*, tal-kawżi prinċipali, kien, ġustament, irrifjuta l-allowance tal-familja inkwistjoni fil-kawżi prinċipali lill-ħaddiema mhux residenti għall-ulied tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat tagħhom, għar-raġuni li l-imsemmija ħaddiema ma kinux jipprovdu l-manteniment kollu tal-imsemmija wlied.

31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat, fl-ewwel lok, li, skont il-ġurisprudenza, id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-moviment liberu tal-ħaddiema, li jikkostitwixxi wieħed mill-pedamenti tal-Unjoni, għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa' (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Depesme *et*, C-401/15 sa C-403/15, EU:C:2016:955, punti 58 sa 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

32 Fit-tieni lok, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni d-definizzjoni ta' "membru tal-familja" li tinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38. Fil-fatt, il-kunċett ta' "membru tal-familja" tal-ħaddiem fruntalier li jista' jibbenefika indirettament mill-ugwaljanza fit-trattament, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, jikkorrispondi għal dak ta' "membru tal-familja", fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, li jinkludi l-konjuġi jew is-sieħeb li miegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun daħal f'unjoni rreġistrata, id-dixxendenti diretti li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti, u d-dixxendenti diretti tal-konjuġi jew tas-sieħeb (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Caisse pour l'avenir des enfants (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier) (C-802/18, EU:C:2020:269, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li l-ulied huma, fi kwalunkwe każ, preżunti dipendenti sal-età ta' 21 sena, bħalma jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punt 2(ċ) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38 (sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Depesme *et*, C-401/15 sa C-403/15, EU:C:2016:955, punt 62) u li l-kwalità bħala membru tal-familja dipendenti tal-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat ta' ħaddiem fruntalier tista' tirriżulta oġġettivament mill-fatt li l-ħaddiem u l-wild ikkonċernat jgħixu fl-istess dar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Depesme *et*, C-401/15 sa C-403/15, EU:C:2016:955, punti 59 u 60).

34 F'dan l-aħħar rigward, minn din il-ġurisprudenza jista' jiġi dedott li, meta l-ħaddiem mhux residenti u l-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat ta' dan tal-aħħar jgħixu fl-istess dar, dan l-element oġġettiv huwa biżżejjed, bħala prinċipju, waħdu sabiex juri li dan il-ħaddiem imantni lil dan il-wild, peress li d-dar komuni tikkaratterizza rabta stabbli bejn dawn il-persuni.

35 Kwalunkwe interpretazzjoni oħra mhux biss tkun tmur kontra l-prinċipju ta' interpretazzjoni wiesgħa tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-moviment liberu tal-ħaddiema, bħalma ġie indikat fil-punt 31 ta' din is-sentenza, iżda tkun tikser ukoll il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 32 ta' din is-sentenza, li timponi l-obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni d-definizzjoni ta' "membru tal-familja" prevista fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38 fil-kuntest tal-evalwazzjoni intiża sabiex jiġu ddeterminati l-persuni li jistgħu jibbenefikaw indirettament mill-ugwaljanza fit-trattament, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011.

36 Għaldaqstant, sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rekwiżit li l-ħaddiem mhux residenti għandu jmantni lill-wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu huwiex osservat f'każ partikolari, għandu jitqies li hija suffiċjenti, indipendentement mill-età tal-wild, il-prova tal-fatt li dan il-ħaddiem u dan il-wild jgħixu fl-istess dar, sakemm dan il-wild jissodisfa, għall-bqija, il-kriterji previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' impjieg, f'dan il-każ il-leġiżlazzjoni Lussemburgiża, li tirregola l-għoti tal-allowance tal-familja inkwistjoni.

37 Fil-fatt, jista' jiġi preżunt, abbażi tal-fatt li jgħixu fl-istess dar, li ħaddiem mhux residenti li jeżerċita attività bħala persuna impjegata jikkontribwixxi sabiex ikopri għall-inqas parti mill-ispejjeż tal-familja, jiġifieri, b'mod partikolari, l-ispejjeż marbuta mal-akkomodazzjoni u l-ħajja tad-dar u, għalhekk, sabiex jissodisfa l-bżonnijiet tal-membri tad-dar, inklużi dawk tal-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat. Għaldaqstant, iċ-ċirkustanza li l-ħaddiem mhux residenti jgħix fl-istess dar ma' dan il-wild hija suffiċjenti sabiex jintwera li r-rekwiżit dwar il-fatt tal-manteniment ta' dan il-wild huwa osservat.

38 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li din id-dar komuni ma għandhiex neċessarjament tkun il-ħin kollu. Minn naħa, fid-dawl tal-importanza tal-fenomenu tal-familji mħallta, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 58 u 59 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-wild ikkonċernat jista' wkoll jgħix parti mill-ħin mal-ġenitur bijoloġiku jew adottiv l-ieħor tiegħu, li ma huwiex il-konjuġi jew is-sieħeb irreġistrat tal-ħaddiem mhux residenti. Min-naħa l-oħra, ir-rabta bejn dan il-ħaddiem u dan il-wild ma tistax titqies li nkisret minħabba s-sempliċi fatt li dan tal-aħħar, minħabba t-tkomplija tal-istudji tiegħu, jgħix parti mill-ħin barra minn din id-dar.

39 Fid-dawl tal-mistoqsijiet tal-qorti tar-rinviju, għandu jingħad ukoll, l-ewwel nett, li, peress li l-fatt li jgħixu fl-istess dar jikkostitwixxi kundizzjoni suffiċjenti tal-osservanza tar-rekwiżit dwar il-manteniment tal-wild, l-amministrazzjoni, jew skont il-każ, il-qrati nazzjonali, ma jistgħux jeżiġu li l-ħaddiem mhux residenti jistabbilixxi b'mod iktar speċifiku, lil hinn mill-prova ta' tali fatt li jgħixu fl-istess dar, li huwa jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' kuljum jew għas-sodisfar tal-bżonnijiet partikolari tal-wild ikkonċernat.

40 Madankollu, meta dar komuni bejn il-ħaddiem mhux residenti u l-wild ikkonċernat tkun kompletament nieqsa, minħabba b'mod partikolari l-istudji segwiti minn dan il-wild, elementi oġġettivi oħra ta' ċerta stabbiltà bħal, b'mod partikolari, il-parteċipazzjoni fl-ispejjeż ta' akkomodazzjoni, ta' trasport u/jew tal-ħajja ta' kuljum tal-imsemmi wild, għandhom ikunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex dan il-ħaddiem ikun jista' juri li għadu jmantnih.

41 It-tieni, l-eżistenza ta' kontribuzzjoni ta' manteniment, responsabbiltà tal-ġenitur bijoloġiku jew adottiv l-ieħor tal-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat tal-ħaddiem mhux residenti, ipoteżi prevista fil-punt 52 tas-sentenza tat-2 ta' April 2020, Caisse pour l'avenir des enfants (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier) (C-802/18, EU:C:2020:269), jew anki l-eżistenza ta' dritt ta' aċċess u ta' akkomodazzjoni ta' dan il-ġenitur, ma jistgħux jitqiesu li huma ċirkustanzi li jippermettu li jiġi eskluż li dan il-ħaddiem imantni lil dan il-wild, li miegħu jgħix fl-istess dar.

42 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, bħalma għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 49 tal-konklużjonijiet tiegħu, li f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja semmiet l-assenza, f'dan il-każ, ta' tali kontribuzzjoni bl-għan wieħed li tassisti lill-qorti tar-rinviju fl-evalwazzjoni tagħha tal-punt dwar jekk il-ħaddiem fruntalier kienx imantni lil dan il-wild. Konsegwentement, l-eżistenza ta' kontribuzzjoni ta' manteniment, responsabbiltà tal-ġenitur l-ieħor tal-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat tal-ħaddiem mhux residenti, ma tistax titqies li hija kriterju li jippermetti li jiġi eskluż li dan il-ħaddiem imantni lill-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu, li jgħixu fl-istess dar. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li l-eżistenza ta' tali kontribuzzjoni ta' manteniment ma tikkostitwixxix kundizzjoni li teskludi l-benefiċċju ta' allowance tal-familja favur il-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat ta' ħaddiem residenti li jgħixu fl-istess dar.

43 Min-naħa l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi msemmija fil-punt 41 ta' din is-sentenza sabiex jiġi eskluż li l-ħaddiem mhux residenti jmantni lill-wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu jwassal sabiex ir-rekwiżit dwar il-manteniment tal-wild jiġi interpretat bi ksur tal-prinċipju ta' interpretazzjoni wiesgħa tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-moviment liberu tal-ħaddiema, kif imfakkar fil-punt 35 ta' din is-sentenza.

44 It-tielet, għandu jiġi ppreċiżat, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 61 tal-konklużjonijiet tiegħu, li mill-preżunzjoni ta' manteniment mill-ħaddiem mhux residenti tal-wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu bbażata fuq il-fatt li joqogħdu fl-istess dar, isegwi li l-amministrazzjoni, jew skont il-każ il-qrati nazzjonali, jistgħu jirrifjutaw l-għoti tal-allowance tal-familja, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lil dan il-ħaddiem f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss. Tali rifjut jista' jiġi ġġustifikat biss jekk mill-proċess ikun isegwi li l-imsemmi ħaddiem għamel dikjarazzjonijiet foloz jew, fir-realtà, bl-ebda mod ma kien involut fl-ispejjeż marbuta mal-manteniment tal-wild, liema spejjeż huma kompletament taħt ir-responsabbiltà ta' terz.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 45 TFUE, l-Artikolu 1(i) u l-Artikolu 67 tar-Regolament Nru 883/2004, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 u mal-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjoni ta' għoti lill-ħaddiem mhux residenti, fl-Istat Membru ta' impjieg, ta' allowance tal-familja għall-wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu, jiġifieri li dan il-ħaddiem huwa obbligat li "jmantni" lil dan il-wild, hija ssodisfatta meta jkun hemm komunità ta' familja bejn l-imsemmi ħaddiem u l-wild bijoloġiku jew adottiv tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu, li hija kkaratterizzata mill-fatt li l-istess ħaddiem u dan il-wild jgħixu fl-istess dar.

Fuq l-ispejjeż

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 45 TFUE, l-Artikolu 1(i) u l-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni u flimkien mal-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

il-kundizzjoni ta' għoti lill-ħaddiem mhux residenti, fl-Istat Membru ta' impjieg, ta' allowance tal-familja għall-wild tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu, jiġifieri

li dan il-ħaddiem huwa obbligat li "jmantni" lil dan il-wild, hija ssodisfatta meta jkun hemm komunità ta' familja bejn l-imsemmi ħaddiem u l-wild bijoloġiku jew adottiv tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irreġistrat tiegħu, li hija kkaratterizzata mill-fatt li l-istess ħaddiem u dan il-wild jgħixu fl-istess dar.

Firem